MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 16/2002/1

**Tony Aquilina**
**vs**
**Chairman tal-Malta Environment and Planning Authority, Chairman Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, u Chairman Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u Segretarju Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.**
.

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta illi:

1. Illi l-esponenti ghandu propjeta' fl-inhawi ta' Ghar Ilma fil-limiti ta' Santa Lucia gewwa Ghawdex u peress li ried li jaghmel xi tibdil fil-bini li hemm diga ezistenti applika

quddiem l-intimati permezz ta applikazzjoni numru 4826/93 sabiex jikseb l-approvazzjoni mehtiega halli jkun jista' jezegwixxi x-xoghlijiet pjanati;

2. Illi permezz ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-izvilupp tas-6 ta' Marzu 1995 dina l-Kummissjoni cahdet l-applikazzjoni. Dina d-decizjoni giet ikkonfermata mill-Bord ta' l-Appell Dwar L-Ippjanar permezz ta' decizjoni li ggib id-data tad-9 ta' Frar 2000;

3. Illi permezz ta' dina d-decizjoni l-applikazzjoni ta' l-esponenti giet michuda minkejja illi fil-vicinanzi mmedjati l-intimati kienu approvaw numru ta' applikazzjonijiet ghal zvilupp li uhud minn dan jizboq bil-ferm aktar dak li kien propost mill-esponenti u sahansitra iehor sar kompletament gdid;

4. Illi waqt il-proceduri quddiem l-intimati r-rikorrenti ghamel referenza ghal diversi applikazzjonijiet li gew approvati mill-istess intimati liema applikazzjonijiet kienu jghamlu referenza ghal zvilupp li sar fil-vicinanzi mmedjati tal-propjeta' tar-rikorrenti u sahansitra xi whud minnhom anke jmissu mal-propjeta' imsemmija;

5. Illi minkejja dan kollu l-intimati xorta wahda ma approvawx l-applikazzjoni tar-rikorrenti sabiex jithalla jaghmel l-izvilupp li talab liema zvilupp kien simili fit-tip u izghar minn dak li gie approvat mill-intimati fil-vicinanzi mmedjati:

6. Illi d-decizjonijiet mehuda mill-intimati jikkostitwixxu vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan specifikatament b'referenza ghal l-Artikolu 6(1) , l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess konvenzjoni u l-Artikolu 14 b'referenza ghaz-zewg artikoli ta' l-istess konvenzjoni.

7. Illi dan isib konfort f'decizjoni tal-Qorti Ewropeja fuq certu jekk mhux fuq l-aspetti kollha fis-sentenza Pine Valley Developments Ltd and Others v Ireland deciza fid-29 ta' Novembru 1991 u sentenzi ohra.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni msemmija jigifieri ta' l-Artikolu 6 (1), l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess konvenzjoni u l-Artikolu 14, tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti hemm il-ksur lamentati u taghti rimedju immedjat sabiex dan il-ksur ma jitkompliex u konsegwentement taghti l-provvedimenti opportuni sabiex dan jigi wkoll kumpensat ghal tali ksur kif previst mill-istess Konvenzjoni Ewropeja.

Rat Ir-**Risposta ta' l-Intimat Chairman tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjannar** a fol. 9 tal-process fejn espona:

Illi huwa rcieva rikors kostituzzjonali maghmul mir-rikorrent fejn dan ta' l-ahhar qed jallega ksur ta' l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll ksur ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghal dik il-Konvenzjoni;

Illi l-esponenti jeccepixxi illi huwa gie imharrek ghal xejn f'dawn il-proceduri peress li huwa m'huwix il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza u dan peress illi l-kawza giet proposta hazin fil-konfront tieghu;

Illi l-Qorti Kostituzzjonali, permezz ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet "Anthony Pace vs. Avukat Generali, Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" (rikors kostituzzjonali numru 753/00GCD) iddecidiet illi kawza ma tistax tigi istitwita kontra l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar izda ghandha tigi pprezentata kontra l-Avukat Generali;

Illi ghalhekk ic-Chairman tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-Bord. Skond tali sentenza din ir-rapprezentanza hija vestita fl-Avukat Generali;

Terga' l-artikolu 15(11) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvillupp, Kapitlu 356 tal-Ligijiet ta' Malta, beda jipprovdi – promulgazzjoni ta' l-Att Numru XXI ta' l-2001 fejn l-artikolu

10 ta' l-imsemmi Att dahal fis-sehh fl-1 ta' Frar 2002 skond l-Avviz Legali 20 ta' l-2002 – illi r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'kawzi tax-xorta ta' dik odjerna hija vestita fis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell u mhux fic-Chairman ta' l-imsemmi Bord;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li dak li qed jallega fir-rikors promotur ghandu imqar l-icken ombra ta' verita'. L-esponenti jichad assolutament dak kollu li qed jinghad fir-rikors promotur u jinsisti li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mexa skrupolozament mad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Fil-fatt, l-esponenti jirrileva li r-rikorrent ma ghamel l-ebda referenza fir-rikors promotur ghan-numri tal-permessi li hu qed jallega li nhargu mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-vicinanzi tas-sit mertu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali u lanqas mhu qed jittanta jispjega kif il-*planning issues* fil-permessi ghal l-Izvilupp li huwa qed jirreferi ghalihom minghajr ma jiccitahom biex l-esponenti jkun jista' jivverifikahom huma identici ghal dawk tar-rikorrent. Ghalhekk, l-esponenti mhux f'posizzjoni f'dan l-istadju li jwiegeb ghal dak li qed isostni r-rikorrent li naqas li jipproduci provi konkreti f'dan is-sens. Ghaldaqstant, dwar dawn il-punti kollha l-esponenti jirrizerva minn issa d-dritt li jwiegeb ghal dawn l-insinwazzjonijiet meta u jekk ir-rikorrent jipproduci xi speci ta' provi in sostenn ta' l-imsemmija allegazzjonijiet;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fl-ewwel lok tghaddi sabiex tikkunsidra l-eccezzjoni preliminari tieghu li huwa gie mharrek hazin u inutilment, tiddikjara li l-esponenti m'huwix illegittmu kontradittur f'dawn il-proceduri u tordna li huwa jigi estromess minn dawn il-proceduri u mill-harsien tal-gudizzju u dan kollu a spejjez tar-rikorrent.

Rat r-**risposta ta' l-Intimat Chairman tal-Malta Enviroment and Planning u tac-Chairman Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** a fol. 11 tal-process fejn esponew:

1. Illi preliminarjament, ir-rikors interpost mir-rikorrenti huwa null u ghandu jigi michud stante li l-istess rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp m'huwiex il-legittimu kontradittur, stante li l-istess Kummissjoni hija organu intern ta' l-intimata l-ohra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors tieghu, ir-rikorrent ma jsemmi l-ebda kaz specifiku li skond huwa juri l-mod diskriminatorju li bih imxew l-intimati fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, rigward il-mertu, l-intimati minn issa jirrizervaw id-dritt illi jwiegbu ghal lanjanzi ta' l-istess rikorrent fi stadju ulterjuri meta listess rikorrent igib a konjizzjoni ta' l-istess il-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom huwa ibbazat ir-rikors tieghu;

4. Illi jigi daqstant iehor ribadit il-punt illi l-intimati fid-decizjoni taghhom ghal l-applikazzjoni tar-rikorrent quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, segwew il-Ligi u d-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, it-talbiet tar-rikorrent f'dan il-kuntest ghandhom daqstant iehor jigu michuda u respinti.

5. Illi in vista tal-premessi, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal a fol 184;

Rat in-noti tal-partijiet;

## Ilment Kostituzzjonali

Ir-rikorrent qed jallega ksur ta’ l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll ksur ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ghal dik il-Konvenzjoni.

## FATTI

Ir-rikorrent Anthony Aquilina kien xtara bicca art f’Ghawdex li fuqha kien hemm fdalijiet ta’ post antik abbandunat. Fejn din l-art kienet qed tinbena villa kbira u hu xtaq li jibni r-residenza tieghu hdejha. Kien ghamel applikazzjoni 4826/93 biex igib il-permess biex jibniha. Kien talab biex jirranga dak li kien hemm u jaghmel *extensions* izda din it-talba giet rifjutata mid-DCC li ddecidiet li l-art kienet Outside Development Zone. Kien appella minn dina d-decizjoni (App 181/95) izda l-Bord ta’ l-Appell ikkonferma d-decizjoni tad-DCC u hareg rifjut fid 9/2/2000.

## Kontestazzjoni

Ir-rikorrent qed jissottometti li l-fatti juru bic-car li l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ma mxietx mieghu bl-istess manjiera kif imxiet ma’ terzi persuni li ghandhom l-proprejta hdejh. Fil-waqt li fil-konfront taghhom l-applikazzjoni gie processata u approvata fi zmien ftit xhur jekk mhux ftit gimghat, tieghu damet is-snin. Fil-waqt li lill ohrajn inghatalhom il-permess, lilu dan gie rifjutat, u dan minkejja li l-proprjeta’ tieghu tinsab ezatt fin-nofs tal-proprjetajiet l-ohra li nghatalhom il-permess. Hu jhoss li ghalhekk l-Awtorita’ ddiskriminat fil-konfront tieghu.

## PROVI

Ir-rikorrent jghid li l-izvilupp ta’ magembu kien gie accettat fil-1993 cjoe fl-istess sena meta t-talba tieghu kienet qed tigi konsidrata. L-izvilupp fl-art ta’ magembu kien estensiv mentri tieghu kien biss ghal bini ta’ dar residenzjali ghalih u ghall-familja tieghu. Ir-rikorrent semma li kien hemm kaz

iehor magembu App 1879/93 fejn twaqqa bini ezistenti u tela bini gdid minfloku. Il-bini originali kien jikkonsisti f’zewg kmamar abbandunati u minflokhom giet mibnija villa enormi. L-istess nies kienu ghamlu applikazzjoni 01945/93 fejn talbu li tinbena “farmhouse dwelling”. Din l-applikazzjoni giet rifjutata fil-1994 mid DCC izda sussegwentement approvata mill Bord ta’ l-Appell.

Meta gie kontroezaminat ir-rikorrent wiegeb li meta xtara l-art ma qghadx jara jekk din is-*site* kienitx wahda fabbrikabbli. Hu xtara l-art tieghu ghax kien hemm il-villa ta’ magembu qed tinbena, u kieku ma kienx hekk ma kienx se jixtriha. Lanqas ma qghad jiccekkja x’tip ta’ permessi kellhu ta’ hdejh.

Joseph Farrugia, rapprezentant tal-Mepa, xehed dwar hames siti li dwarhom gie mharrek. Fuq Site 1 (App. 1879/93) il-permess kien inhareg originarjament mill PAPB fil-1975 u l-MEPA geddietu (dan kien *proposal to renew, to demolish existing building and to re-erect fireworks factory*). Imbaghad kienet saret applikazzjoni ohra 1945/93 li giet rifjutata mid DCC izda wara giet approvata mill-Bord ta’ l-Appell. Din kienet ghall “farmhouse dwelling”.
Site 2 – Fuq dan is-sit kenet saret applikazzjoni li sussegwentement giet irtirata (PA5910). Kien sar xi xoghol fuq is-sit minghajr permess u ghalhekk inhargu zewg *enforcement orders*.
Site 3 – Dwar App 380/90 l-awtorita’ kienet tat permess ghal *additions to existing buildings*.
Site 4 - Hija tar-rikorrent –App 4826/93
Site 5 - Dwar App 1523/94 xehed li kienet saret talba biex tinbena *swimming pool*. Din giet rifjutata mid DCC imma mbaghad giet approvata mill-Bord ta’ l-Appell.

Ir-rikorrent ressaq xhieda li qalu li s-sit in kwistjoni mhux fuq il-lista ta’ l-iskedar tal- Planning Authority (Profs A. Bonanno); li fuq is-sit kien hemm djar ta’ rahal tipiku medjevali t’Ghawdex izda dan is-sit ma hux wiehed arkeologiku ta’ importanza (Fr .J. Bezzina). Dan l-ahhar xhud qal li ma kienx ghamel l-analizi fir-rapport tieghu in relazzjoni mal-pjan ta’ zvilupp.

## ECCEZZJONIJIET

### Legittimu kontradittur

L-intimat Chairman Bord ta’ L-Appell dwar l-Ippjanar eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur f’dina l-kawza imma l-Avukat Generali. Fit-tieni lok issottometta li skond il-Kap 356 ir-rappresentanza gudizzjarja tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar f’kawzi ta’ din ix-xorta hija vestita fis-Segretarju tal-Bord u mhux fic-Chairman.

Dwar din l-ahhar sottomissjoni r-rikorrent kien talab korrezzjoni li giet milqugha fis-sens li wara l-kliem “Chairman Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar” jidhlu l-kliem “Segretarju Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar”. Ghalhekk dwar ir-rappresentanza gudizzjarja tal-Bord jidher li l-kwistjoni giet sorvolata.

L-intimati qed jissottomettu wkoll li c-Chairman Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mhux il-legittimu kontradittur f’din l-istanza. Huma jsostnu li skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna gudikant bhala regola ma jistax jigi mharrek biex jixhed jew ikun parti f’kawza biex jiddefendi sentenza tieghu sakemm eccezzjonalment ma jkunx hemm xi allegazzjoni li l-gudikant ikun ikkommetta vjolazzjoni tal-ligi li bhala rizultat taghha sofra danni.

Illi l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ghalkemm ma jifformax parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja, jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju biex jiggarantixxu smigh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali ghalhekk la darba hu hekk, ma jistax jigi mharrek sabiex iwiegeb ghall eghmil gudizzjarju tieghu u f’kaz bhal dan hu l-Avukat Generali li jrid jirrispondi ghalih fejn dan l-eghmil ikun qieghed jigi attakkat gudizzjarjament (ara sentenza Kostituzzjonali A. Pace vs A. G. et 2/11/2001).

Ghalhekk f’dan il-kaz ic-Chairman tal-Bord ma setghax jigi mharrek personalment biex jirrispondi ghad-decizjoni li

ttiehdet mill-Bord. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda allegazzjoni ta' xi ghemil doluz da parti tac-Chairman.

**Rimedju ordinarju**

L-istess intimat eccepixxa li r-rikorrent naqas li jezawrixxi r-rimedji ordinarji moghtija lilu mill-Ligi billi hu jista' jerga japplika mill-gdid quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-isperanza li jekk l-applikazzjoni tieghu tikkonforma mal-ligijiet u *policies* vigenti ta' l-ippjanar huwa jkun jista' jinghata l-permess rikjest.

Il-Qorti trid tezamina f'dan il-kaz jekk ir-rikorrenti verament ghandux rimedju ordinarju ghall ilment tieghu u jekk dan ir-rimedju hux wiehed effettiv.

"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[1]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci[2];

Hu pacifiku illi "meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbili ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillmenta, bhala principju generali, dawn ghandhom jigu adoperati, u rikors ghall-organi gjudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jigi ezawriti jew meta ma humiex aktar disponibbili. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha, jekk dak il-possibili rimedju ma kienx pero' se jirrimedja dik il-parti

[1] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet *Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106).
[2] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet *Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija* (mhix pubblikata).

mill-lanjanza tar-rikorrent" (Kost. Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe 7 ta' Marzu, 1994).

Fil-kaz in ezami r-rikorrent diga rrikorra quddiem il-Kummissjoni ghall Kontroll ta' l-Izvilupp kif ukoll appella quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fiz-zewg istanzi t-talba tieghu giet rifjutata. Skond ir-rikorrent id-decizjoni moghtija kienet ibbazata biss fuq fatti u mhux fuq punti legali u ghalhekk hu ma setghax jappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Inoltre l-Qorti tirrileva li dwar il-lanzjanza kostituzzjonali tar-rikorrent dan hassu diskriminat bid-decizjonijiet moghtija, u ghalhekk ir-rikorrent mhux ser ikollu rimedju effettiv ghal dana l-ilment semplicement jekk jerga japplik  mill-gdid ghall-permess.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Fil-mertu l-intimat wiegeb li r-rikorrent ma ghamel ebda referenza fir-rikors promotur tieghu ghan numru tal-permessi li hu qed jallega li nhargu mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-vicinanzi tas-sit mertu tal-kawza u rriserva li jwiegeb meta r-rikorrent jipproduci l-provi tieghu.

L-intimat Chairman ta' MEPA u Chairman Kummissjoni ghall Kontroll ta' l-Izvilupp preliminarjament wiegbu li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji.

Dina l-eccezzjoni diga giet deciza aktar 'l fuq.

L-intimati (MEPA U DCC) wiegbu wkoll li l-intimat Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp m'huwiex illegittimu kontradittur, stante li l-istess Kummissjoni hija organu intern ta' l-intimata l-ohra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi mhux kontestat li l-Kummissjoni ghall Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhumiex tribunali u ghalhekk huma jistghu jigu mharrka biex iwiegbu ghall ghemil li qed jigi attakkat gudizzjarjament.

**Diskriminazjzoni**

Fil-mertu l-intimati wiegbu wkoll li r-rikorrent ma ghamel ebda referenza fir-rikors promotur tieghu ghan numru tal-permessi li hu qed jallega li nhargu mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-vicinanzi tas-sit mertu tal-kawza u rriservaw li jwiegbu meta r-rikorrent jipproduci l-provi tieghu.

Fil-kors tal-kawza dawn il-provi gew prodotti.

L-intimati jirritjenu li f'dan il-kaz ma kienx hemm diskriminazzjoni billi dan ma kienx kaz ta' persuni "in a relevantly similiar situation" u ghalhekk il-Qorti lanqas m'ghandha tidhol fil-kwistjoni dwar jekk kienx hemm proporzjonalita' fit-trattament tar-rikorrent u t-terzi persuni. Skond l-intimati l-applikazzjonijiet ghall hrug tal-permessi relattivi ghall istrutturi kienu jikkoncernaw strutturi ta' natura u ta' skop differenti minn dawk tar-rikorrent u ma kienux mahrugin mill-Awtorita' (MEPA) imma minn Awtorita' ohra (PAPB) li taghha huma ma kienux is-successuri (ara A. Mifsud vs Dir.Toroq PA 14/11/1997; J. Sammut vs Awtorita ta' l-Ippjanar. Kost. 30/4/1998).

Ir-rikorrent qed jinvoka l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea b'riferenza ghall l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol ta' l-istess Konvenzjoni. Dawn jitkellmu dwar diskriminazzjoni u dritt ta' proprjeta' rispettivament. L-artikolu 14 illi:

"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."

"Issa, biex ikun hemm diskriminazzjoni, skond l-awturi van Dijk and van Hoof, kwotati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-17 ta' Frar, 1999, irid ikun hemm "(a) differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective and

reasonable justification, or if (d) proportionality between the aim sought and the means employed was lacking".

Biex ikun hemm diskriminazzjoni, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhal tieghu, u bid-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief (trattament) differenti taz-zewg persuni (ara wkoll "Cacopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, u "Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999)

Kif inhu maghruf, dan l-artikolu m'ghandux ezistenza indipendenti. In-nuqqas ta' diskriminazzjoni trid tigi assigurata, u d-diskriminazzjoni trid tigi rimedjata skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 319, jekk din tkun fir-rigward tat-tgawdija, jew nuqqas ta' tgawdija, ta' xi wiehed jew aktar mid-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza Abdulaziz, Cabales and Balkandani v. U.K. [3]:

"*According to the Court's established case-law, Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous - there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter*." [4]

**Tikkunsidra**

Skond ir-rikorrent l-applikazzjoni tieghu giet michuda mill-Awtorita' fid-9 ta' Frar 2000 fuq dawn il punti principali;

[3] A.94 (1985) 7 EHRR 471.
[4] Para. 71.

1. Li s-sit huwa wiehed strettament ODZ;
2. Accettazzjoni ta' l-izvilupp tkun tfisser imposizzjoni ta' precedent qawwi favur zviluppi simili fl-istess linja tat-triq;
3. L-istruttura ezistenti ma tistax tikkwalifika bhala binja;
4. Li l-intimati ma gewx sodisfatti ghar-rigward ta' l-uzu residenzjali ta' l-imsemmija binja.

Illi dawn il-punti kienu gew ezaminati u ttrattati quddiem id-DCC u quddiem il-Bord ta' l-Appell, u kienu l-bazi li fuqhom l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet giet rifjutata. L-istess punti regghu tqajmu quddiem dina l-Qorti u ngabu provi u argumentazzjoni mir-rikorrent biex juru li DCC u l-Bord ta' l-Appell ma kellhomx ragun li jiddeciedu kif iddecidew.

Il-Qorti pero trid tirrileva li dina l-Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali m'ghandhiex tidhol fil-legalita' tad-decizjoni ta' dawn iz-zewg awtoritatjiet li jirrifjutaw l-applikazzjoni fuq dawk il-konsiderazzjonijiet imma ghandha tillimita l-ezami taghha fuq il-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrent dwar ksur tal-konvenjoni fuq diskriminazzjoni, altrimenti tkun qed tissindika decizjoni li fuqha hija m'ghandhiex gurisdizzjoni.

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla [Sede Kostituzzjonali] fil-11 ta' Awissu, 2000 fl-ismijiet Katerina Cachia vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha **et** intqal li "Dak li din il-Qorti hi msejjha biex tiddeciedi hu biss jekk l-agir ta' l-intimati fic-cirkostanzi fuq imfissra jiksirx o meno d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli tal-ligi appena msemmija. Kif fisser l-allura Master of the Rolls ta' l-Ingilterra, Sir Thomas Bingham fil-kaz ***R. v. Cambridge Health Authority, ex p. B (a minor)*** [1995] 1 WLR 898: *"…The Courts are not, contrary to what is sometimes believed, arbiters as to the merits of cases of this kind. Were we to express opinions as to the likelihood of the effectiveness of medical treatment, or as to the merits of medical judgment, then we should be straying far from the sphere which under our constitution is accorded to us. We*

*have one function only, which is to rule upon the lawfulness of decisions. This is a function to which we should strictly confine ourselves”* …

Dawn huma l-parametri li fuqhom din il-Qorti triq tiddeciedi. It-talba kostituzzjonali tar-rikorrent hi li meta ittiehdet id-decizjoni mill Awtorita’, ittiehdet kif ittiehdet, hu gie diskriminat billi l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata mentri tat-terzi li joqghod magembu giet accettata.

L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni mhux wiehed li ghandu applikazzjoni generali imma huwa limitat ghall dak li hemm provvdut fl-istess artikolu. “*The European Court has stated that Article 14 is only concerned with discriminatory treatment having as its basis a personal characteristic or “status” by which persons or groups of persons are distinguishable from each other”. It thus aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes based on sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin etc*. (Kjeldsen)

Fil-kaz in ezami r-rikorrent issottometta li lilu ma nghatax permess ghal bini mentri lill ta’ magembu nghata. Imkien ma jsemmi a bazi ta’ xhiex huwa gie diskriminat b’riferenza ghal status u personal *attributes based on sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin*. Hu jghid biss li lill ta’ magembu nghata permess mentri lilu ma nghatax. Din ir-raguni wahedha mhiex bizzejjed biex il-Qorti tkun tista’ tiddetermina l-ghaliex saret xi diskriminazzjoni.

Id-DCC u l-Bord ta’ l-Appell kienu ntitolati li jiddeciedu minghajr ma dina l-Qorti tidhol fil-mertu tad-decizjoni taghhom purche ma huma jkunu iddecidew b’mod li jidiskrimina kontra r-rikorrent. Il-kwistjonijiet dwar pjan ta’ zviliupp u hrug ta’ permessi ghandhom jigu decizi mid DCC u mill-Bord ta’ l-Appell mentri l-kwistjonijiet dwar allegat ksur ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghandhom jigu decizi minn dina l-Qorti.

L-intimati jirritjenu li huma ma ddiskriminawx kontra r-rikorrent u fil-kazijiet indikati mir-rikorrent huma dejjem imxew bl-istess mod u kienu rrifjutaw xi applikazzjonijiet ohra izda mbaghad id-decizjoni taghhom kienet giet revokata mill-Bord ta' l-Appell. Inoltre dawn l-applikazzjonijiet ma kienux ta' persuni *in a relevantly similar situation* u nghataw minn Awtorita' differenti ghal skopijiet differenti.

L-intimati ghamlu riferenza ghas segwenti permessi.

1. Applikazzjoni 4826/93 li hija l-applikazzjoni tar-rikorrent li giet rifjutata.
2. App. 5910 li hija applikazzjoni li giet irtirata mill-applikant li kien ghamilha. Kien sar xi xoghol fuq dan is-sit minghajr permess u ghalhekk inhargu *enforcement orders*. Illum ma hemmx applikazzjoni vigenti.
3. App. 1879/93 fejn kien inhareg permess mill-PAPB u mhux mill-Mepa. App. 1945/93 kienet giet rifjutata mid DCC izda imbaghad approvata mill-Bord ta' l-Appell. Id-DCC u l-MEPA huma indipendenti u awtonomi u bl-ebda mod ma jwiegbu ghall ghemil tal-Bord ta' l-Appell (Ara Kost. Pace vs A. G.). Dawn kienu permessi li inhargu mill PAPB u li l-MEPA kienet geddithom. Dawn kienu permessi li nghataw minn korp differenti u taht procedura differenti.
4. App 380/93 Il-MEPA approva li jsiru *additions* ghall *existing buildings*. Dan ukoll kien permess li nghata mill-PAPB u ghalhekk dak li nghad fit-(3) japplika hawn ukoll.
5. Applikazzjoni 1523/94 ghal *swimming pool*, li giet rifjutata mid-DCC imma wara giet approvata mill Bord ta' l-Appell. Skond l-intimati din kienet biss *addition* u mhux paragonabbli mat-talba tar-rikorrent li ried jibni post gdid kwazi kompletament differenti mill fdalijiet ta' struttura li kien hemm.

Minn dak kollu li nghad il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li kienet l-Awtorita' li kellha tiddeciedi dwar il-hrug tal-permessi lir-rikorrent. Ma jirrizultax li kienet saret xi diskriminazzjoni da parti taghha meta rrifjutat li taghti l-permess ghall-bini ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Fil-kaz

in ezami ma gietx indikata l-ebda raguni li a bazi taghha l-awtorita’ setghet iddiskriminat kontra r-rikorrent. Anke jekk f’xi kaz minnhom kien sar xi zball fil-hrug ta’ permess dan ma jfissirx li nholoq precedent biex ikomplu jsiru l-izbalji.

Ghalhekk it-talba taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni qed tigi michuda.

Illi rikorrent fir-rikors tieghu ppremetta illi d-decizjonijiet mehuda mill-intimati jikkostitwixxu vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan specifikatament
b’referenza ghal l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ l-istess konvenzjoni **u l-Artikolu 14 b’referenza ghaz-zewg artikoli ta’ l-istess konvenzjoni.**

Ghalhekk stante li r-referenza ghal l-artikoli 6 u 1 ta’ l-Ewwel Protokol saru b’riferenza ghall artikolu 14, u stante li t-talba taht l-artikolu 14 giet michuda mhux il-kaz li l-Qorti tezamina jekk inksirux ukoll dawn iz-zewg artikoli. Wara kollox il-lanjanza tar-rikorrent kienet fuq diskriminazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill intimat Chairman Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar
Billi tichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-intimati l-ohra
Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------